**KULLEĠĠ SAN INJAZJU**
**Skola Sekondarja tal-Ħandaq, ĦAL QORMI**
**EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2014/2015**

**Rotta 2**

| It-Tielet Sena | IL-MALTI (Il-Qari u l-Kitba) | Sagħtejn u kwart *Jinkludi s-Smigħ* |
|---|---|---|

Isem:____________________________________________ Klassi:__________________

**Għall-istudent/a:**

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.**
2. **L-ortografija, il-punteġġjatura, is-sintassi, l-ideat u l-preżentazzjoni tajbin jgħinuk tikseb riżultati aħjar.**

**Għall-għalliema:**

| IL-MARKI | | |
|---|---|---|
| It-Taħdit | 10 | |
| Is-Smigħ | 10 | |
| Il-Qari u l-Kitba | 80 | |
| IT-TOTAL | 100 | |



**Kummenti:**

______________________________________________________________________
______________________________________________________________________
______________________________________________________________________
______________________________________________________________________

# KTIEB ŻGĦIR B'MESSAĠĠ KBIR

L-aktar ktieb popolari tal-awtur Paolo Coelho jismu *O Alquimista*, li bil-Malti tfisser 'L-Alkemista'. Alkemista huwa bniedem li jipprova jifhem il-misteri tal-univers permezz tax-xjenza. Dan ir-rumanz huwa ambjentat fi Spanja u nkiteb fl-1988. (par. 1)

Dan huwa ktieb qasir b'rakkont sempliċi, li taqrah f'ġurnata jew jumejn. Madankollu, bosta nies jgħidu li dan il-ktieb biddlilhom ħajjithom. (par. 2)

Ir-rakkont hu dwar Santiago, tfajjel Spanjol, li kien iben familja fqira. Il-familja tiegħu xtaqitu jsir qassis, iżda Santiago kellu xewqat oħra. Huwa xtaq jivvjaġġa u jara d-dinja. Missieru spjegalu kif f'dawk l-inħawi r-rgħajja biss kienu jivvjaġġaw minn post għall-ieħor. Għalhekk Santiago **qatagħha** li jmur kontra x-xewqa tal-ġenituri tiegħu u jsir ragħaj. (par. 3)

Missieru ma tkellem xejn, telaq u reġa' ġie b'xi muniti antiki, li wara mewtu kien fi ħsiebu jħallihom bħala wirt lil ibnu. Qallu biex dawn jużahom issa u bihom jixtri n-nagħaġ. U f'għajnejn missieru dak il-ħin Santiago ra li f'żgħożitu missieru wkoll kellu x-xewqa li jivvjaġġa, imma d-dover u l-familja żammewh milli jwettaq ħolmtu. (par. 4)

Lejl minnhom Santiago u n-nagħaġ tiegħu kienu reqdin madwar siġra, biswit knisja abbandunata, meta reġa' ħolom ħolma li kien qed joħlom ta' spiss. Fil-ħolma huwa jsib teżor kbir, imma dan ma jsibux fi Spanja iżda maġenb il-Piramidi Eġizzjani. (par. 5)

Santiago jbigħ in-nagħaġ u jerħilha għall-Afrika ta' Fuq, fejn ftit ħin wara li jasal, jitlef il-flus kollha li kien ġab mill-bejgħ tan-nagħaġ! Minn hawn tibda avventura li tħallik bla nifs u li twassal lil Santiago sal-Piramidi. Iżda, kif jgħidu, ***fl-aħħar tal-mazzita ssib iż-żbiba***. Imma tgħid isibu t-teżor? (par. 6)




Coelho twieled il-Brażil u jikteb bil-Portugiż, iżda *L-Alkemista* llum **insibuh** maqlub għall-Malti minn Steve Borg. Dan il-ktieb ċkejken ġie tradott f'aktar minn 71 ilsien differenti, b'hekk kiseb ir-rekord **tal-aktar ktieb li ġie tradott fid-dinja**. (par. 7)

## A. Mistoqsijiet 10 marki

1. Liema hu l-aktar ktieb popolari ta' Paolo Coelho u xi jfisser it-titlu tiegħu? (par. 1)

_______________________________________________

_______________________________________________(2 marki)

2. Fuq min jitkellem dan ir-rakkont u x'kienet l-akbar xewqa tan-narratur? (par.3)

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________(2 marki)

3. Fix-xogħol li għażel, kif mar kontra x-xewqa tal-ġenituri tiegħu? (par 3)

_______________________________________________(marka)

4. Għalfejn taħseb li għenu missieru?

_______________________________________________(marka)

5. X'kien li żamm lil missieru milli jwettaq xewqtu?

_______________________________________________(marka)

6. X'kienet il-ħolma li ta' spiss kien qed joħlom Santiago?

_______________________________________________(marka)

7. F'liema post kellu jmur sabiex il-ħolma ssir realtà?

_______________________________________________(marka)

8. B'liema lingwa kiteb il-ktieb Paolo Coelho?

_______________________________________________(marka)

## B. Għarfien il-lingwa 5 marki

1. Fisser: ***l-aktar ktieb li ġie tradott fid-dinja*** (par. 7).

_______________________________________________

2. Sib kelma minn paragrafu 2 li tfisser *storja*: _______________________

3. Agħti kelma oħra minflok ***qatagħha*** (par.3): _______________________

4. Fisser il-qawl: ***fl-aħħar tal-mazzita ssib iż-żbiba*** (par. 6).

______________________________________________________________________

5. Għal min qed tirreferi l-h ta' **insibu*h*** f'paragrafu 7?___________________________________

## TAQSIMA 2: IL-GRAMMATIKA 10 marki

**Kien l-ewwel Ħadd tiegħi fil-Kenja. Lis-sorijiet għedtilhom biex noħorġu żewġ passi madwar id-dar tagħna flimkien. Konna mixjin għal għonq it-triq. Għamilna hekk għax jumejn qabel kien ġie tifel ta' xi 12–il sena ħdejn il-Kunvent tagħna jibki kemm jiflaħ u qalbu sewda għax ommu tatu karta ta' 20 xelin biex jixtri xi ħaġa 'l missieru u sakemm wasal il-ħanut jew tilifha jew serquhielu mill-but. Meta mar id-dar ommu qaltlu biex imur ifittixha u jekk ma jsibhiex ma jersaqx lura lejn id-dar. Meta wasal ħdejna kien diġà fittixha u ma sabhiex. B'qalbu maqsuma qalilna: "Agħtuhieli intom u nhar is-Sibt tistgħu tħaddmuni l-għalqa."**

Addattament minn *Jiemi l-Kenja* (Vol.1) ta' Emma Camilleri

1. Ikteb in-**numru fi kliem**: *Jumejn qabel kien ġie tifel ta' xi* _________________ *(12) sena.*

2. Ikteb in-**numru fi kliem**: *Ommu tatu karta ta'* __________________ *(20) xelin.*

3. F'liema forma tal-verb hu l-verb **ħareġ** minn *noħorġu*: ______________

4. F'liema forma tal-verb hu l-verb **fittex** minn *fittixha*: ________________



5. Agħti l-għerq ta' **imur**: ______________

6. Ikteb il-verb **wasal** fit-tieni forma: _______________

7. Il-kelma **maqsuma** hi fil-Partiċipju (Attiv, Passiv).

8. Il-kelma **mixjin** hi fil-Partiċipju (Attiv, Passiv).

9. Oħroġ kelma fil-Partiċipju Attiv mill-kelma **tilef***:* __________________

10. Oħroġ kelma fil-Partiċipju Passiv mill-kelma **sab***:* __________________

## TAQSIMA 3: IL- ĦILIET TAL-MALTI KOMUNIKATTIV — 5 marki

### Agħżel waħda minn (a) jew (b) u ikteb 70 kelma

a) Fil-vaganzi tal-Milied, inti u sħabek organizzajtu programm ta' talent f'istitut tat-tfal. Ikteb **RAPPORT** dwar dan biex jidher fir-rivista tal-iskola.

**JEW**

b) L-iskola tiegħek ser torganizza festin għall-Karnival. Ikteb **AVVIŻ** biex tħeġġeġ lill-istudenti jiġu bi ħġarhom u jagħtu sehemhom għal din l-attività.





## TAQSIMA 4: IL-POEŻIJA 20 marka

### A. Referenza għall-Kuntest 10 marki

Aqra sewwa u wiegeb il-mistoqsijiet:

**Lejl u nhar,**
**Ġunju … Frar …**
**kollox xorta mingħalija,**
**basta l-ħajja dejjem ħajja.**
**Hekk għaddew …**
**leħħu … ntfew …**
**l-isbaħ snin,**
**minn ġuf dinja qerredija …**
**misruqin.**



**1.** Din is-silta hija meħuda mill-poeżija ___________ ta' ______________ _______________.

(2 marki)

**2.** Min kien jagħti pariri lill-poeta meta kien għadu żgħir?

_______________________________________________________________________(marka)

**3.** "*Dak in-nhar li tgħannqet miegħi*
*is-Sbuħija!"*

**(a)** X'inhi l-figura tad-diskors li qed juża l-poeta f'dawn iż-żewg versi?

______________________________________________________________________(2 marki)

**(b)** Xi jrid jgħid il-poeta b'din il-figura tad-diskors?

_______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2 marki)

**4.** X'tip ta' rima qed juża l-poeta fis-silta?

_______________________________________________________________________(marka)

**5.** Għaliex din tissejjaħ poeżija awtobijografika?

_______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2 marki)

**B. Mistoqsijiet oħra.** **10 marki**

**1a**. F'**Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti**, x'jaħseb dwar in-nies li ma jixtrux mingħandu, il-bejjiegħ?

______________________________________________________________________(marka)

**b**. Il-bejjiegħ tal-gazzetti, x'kienet tfisser għalih ommu?

______________________________________________________________________(marka)

**2a. Pitirross** ta' Victor Fenech insejħulha: (**sunett** *jew* **saffika** *jew* **poe-proża**). (marka)

**b.** F'din il-poeżija *"ġamra"* u *"ħmura"* huma żewġ metafori li qed jirreferu

għall- __________________. (2 marki)

**3a.** Ikteb tliet tifkiriet li jsemmi Dun Karm fil-poeżija **Waħdi**. (3 marki)

i. ______________________________________________________________

ii. ______________________________________________________________

iii. ______________________________________________________________

**b.** Għaliex **Waħdi** ta' Dun Karm titqies bħala poeżija nostalġika?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2 marki)

**TAQSIMA 5: *Stejjer għal Qabel Jidlam* – Oliver Friggieri** **10 marki**

**A. Kompli dawn is-sentenzi dwar: L-EWWEL TELEFONATA.** **5 marki**

1. Iż-żewġ anzjani protagonisti ta' din l-istorja jisimhom ____________________________ u

   ______________________________. (marka)

2. Iddeskrivi l-karattru li kellu r-raġel f'din in-novella. __________________________

   ______________________________________________________________ (marka)

3. Il-mara talbet lil żewġha sabiex jixtru xi invenzjonijiet bħal:

_______________________________ u ______________________________ .        (marka)

4. L-anzjani ddeċidew li jdaħħlu t-___________ minħabba li kienu xjaħu u setgħu jiġu bżonn ta' xi _________________ minn ħin għall-ieħor.        (marka)

5. Fl-aħħar iddeċidew li jaqilgħu t-telefon minħabba li ________________________________ ____________________________________________________________________ (marka)

**B. Agħżel <u>NOVELLA WAĦDA</u> u ikteb paragrafu dwar titlu *WIEĦED BISS*.        5 marki**

## A. It-Tifel tal-Baħar

**AGĦŻEL WAĦDA:**

i. Fl-istorja **'It-tifel tal-baħar'** joħorġu biċ-ċar żewġ aspetti; <u>il-faqar</u> u <u>l-għaqda fil-familja</u>. F'madwar 50 kelma, ikkummenta fuq dan b'referenza għas-silta.

**JEW**

ii. F'madwar **50 kelma**, irrakkonta kif it-tifel kien jipprova jgħin lil familtu, minkejja d-diffikultajiet li kien jaffaċċja.

## B. Meta Dħalt fl-Isqaq

**AGĦŻEL WAĦDA:**

i. Fin-novella **'Meta dħalt fl-isqaq'** jingħaqdu żewġ aspetti; <u>il-faqar</u> u l-<u>imħabba</u>. F'madwar 50 kelma, ikkummenta fuq dan b'referenza għas-silta.

**JEW**

ii. F'madwar **50 kelma**, irrakkonta l-esperjenza tan-narratur fuq ix-xarabank.

## Ċ. Ir-Raġel tal-Klieb

**AGĦŻEL WAĦDA:**

i. F'madwar **50 kelma** ikteb dwar kif toħroġ it-tema tal-imħabba lejn l-annimali fl-istorja 'Ir-raġel tal-klieb'.

**JEW**

ii. F'madwar **50 kelma** rrakkonta x'ġara meta l-ġirien tar-raġel tal-klieb għamlu rapport lill-Pulizija.

**Ikteb x'għażilt:** ☐ **i** jew **ii**

## TAQSIMA 6: IL-KOMPONIMENT — 20 marka

Agħżel wieħed u ikteb madwar 250 kelma dwaru fuq karta separata.

1. 'Mhux kulma jleqq hu deheb'. Ikteb storja li tirrifletti t-tifsira ta' dan il qawl.
2. Ikteb storja li **tispiċċa** b'dawn il- kelmiet: "... u fl-aħħar sibt dak li dejjem xtaqt."
3. Il-Moda.
4. Il- vantaġġi u l-iżvantaġġ tal-użu tal-internet.

**In-numru tal-komponiment li għażilt: ________**

| |
|---|
| Spazju biex tagħmel il-pjan tal-kitba tiegħek. (Ma jingħatawx marki għall-pjan.) |